**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 302/2017 CFF**

**United Acceptances Finance Limited**
**Vs**
**Emanuel Degiorgio**

**Illum 27 ta' Novembru, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici United Acceptances Finance Limited fejn esponiet:

Illi permezz tal-ittra ufficjali numru 4332/2010, is-socjeta' rikorrenti rendiet esegwibbli l-kambjali ammontanti ghal €5,925.84 (hames elef u disa' mija u hamsa u ghoxrin Ewro u erbgha u tmenin centezmu) annessi mal-istess ittra ufficjali ai termini tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minkejja dan, l-intimati baqghu inadempjenti u l-kambjali annessi mal-imsemmija ittra ufficjali ghadhom ma thallsux;

Illi ghaddew iktar minn hames snin minn meta dawn il-kambjali gew rezi esegwibbli skont il-ligi u ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti ma tistax tipprocedi minghajr l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi ghal finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta' rikorrenti tiddikjara li l-ammont ta' €5,925.84 (hamest elef u disa' mija u hamsa u ghoxrin Ewro u erbgha u tmenin centezmu), flimkien mal-imghaxijiet u spejjez relattivi skont il-ligi ghadhom dovuti stante li ma sar ebda pagament relattiv ghall-kambjali hemm indikati;

Ghaldaqstant u fid-dawl tal-premess, is-socjeta' esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-konvenut gie notifikat permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni nhar it-12 ta' Marzu, 2018 pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**